MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 136/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-11 ta' Frar 2010 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fit-22 ta' April 2004.

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minhabba f'sevizzi, theddid u ingurji gravi konsistenti fi

swat, kif ukoll minhabba f'adulterju da parti tal-intimat, u oltre minhabba f'inkompatibilita' ta' karattru.

Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tlett ulied ilkoll minorenni u cioe' D ta' hames snin u nofs, E ta' erbgha snin u F ta' sena.

Illi f'Ottubru tal-2008, l-intimat harab minn Malta bil-minuri E u ma rritornax lura u dan minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jgib in-numru 442/09 tat-23 ta' Marzu 2009 biex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat (Dok. A).

Illi l-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tippronunzja bejn il-kontendenti, is-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-intimat, billi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront taghha ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi, kif ukoll minhabba f'inkompatibilita' ta' karattru, u adulterju u tawtorizza lill-esponenti tghix separata minn ma' zewgha.

Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija tigi fdata f'idejn l-esponenti.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri msemmija retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa.

Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-oggetti formanti l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi stabbilit u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-intimat u dan

okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba bl-opera ta’ periti nominandi.

Tordna li l-beni dotali u parafernali tal-esponenti jigu assenjati lilha.

Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-assenti C B C.

Rat ir-risposta tal-fuq imsemmija kuraturi li permezz taghha eccepew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti biex b’hekk qed ihallu ghas-savju sapjenza ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha li huma xierqa.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2010, li permezz tieghu, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Jannar 2011, li permezz tieghu, il-Qorti, fuq talba tar-rikorrenti, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ir-rikorrenti tressaq provi.

Rat l-affidavit prodott.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-affidavit tar-rikorrenti huwa elenku ta’ diffikultajiet estremi li ghaddiet minnhom ir-rikorrenti minhabba l-agir ta’ zewgha. Jirrizulta illi z-zwieg tal-partijiet kien sensiela twila ta’ mohqrija fizika “glied u swat ma kien jieqaf qatt” u emozzjonali li lahqet l-apice taghha meta r-ragel harab minn Malta b’wiehed minn uliedhom u l-omm ma ratx lil binha aktar. Ta’ min jinnota illi kien diga’ ghamel hekk darba bit-tfal kollha u l-mara rnexxielha tmur il-Libya ggibhom lura.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti ssib it-talba tar-rikorrenti gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri D, E u F tigi fdata lil ommhom;

3. Tordna li l-intimat ghandu jghaddi lil A B ghaliha s-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) kull erba' gimghat u ghall-minuri mija u hamsin Ewro (€150) ohra ukoll kull erba' gimghat;

4. Tilqa' r-raba' talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dana pero' li kull parti thallas djun maghmulin minnha;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba;

6. Tilqa' s-sitt talba kif dedotta.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn C B C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------